**TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR**

**CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL**

MALTA

## Fit-Tribunal tal-Konsumatur

Paul Vassallo

Vs

Merlin Computers Ltd

CCT 149/18/MM

Illum, 27to' Settembru 2022

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti ppreżentat fis-26 ta' Settembru 2018 fejn talab is-somma ta' elf u tliet mija u erbgħin Ewro u tmenin ċenteżmu (€ 1340.80) rappreżentanti prezz ta' *Fujitsu E556 Laptop* mixtri mingħand i-soċjeta' intimata allegatament bil-ħsara.

Ra r-risposta tas-soċjeta' intimata fejn filwaqt li naqset milli tqajjem eċċezzjoni fir-rigward ta' dak allegat mir-rikorrenti hija ppreżentat sensiela ta' dokumentazzjoni.

Ra l-atti kollha tal-proċess.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi bil-ġurament tiegħu r-rikorrenti jsostni li huwa kien xtara laptop b'sensiela ta' speċifikazzjonijiet li huwa tgħarraf mis-soċjeta' intimata li għandu jkun mogħni bihom dan il-laptop. Huwa jgħid li huwa di professjoni huwa inġinier u l-laptop in kwistjoni kellu diversi faults.

Min-naħa tagħha għas-soċjeta' intimata, Joel Spiteri josserva li l-laptop kellu virus u 'ħadd ma jkoprilek software'. Is-soċjeta' intimata saħansitra ppreżentat rapport mingħand il-Fujitsu fejn jiddikjara li l-laptop ma kellu l-ebda problema fil-hardware, partikolarment l-iscreen, kif allegat mir-rikorrenti.

Ikkunsidra

Illi tajjeb li jiġi nnutat li stante n-natura teknika tal-mertu tat-talba, fuq ordni tat-Tribunal ġie mqabbad espert tekniku sabiex jagħmel l-analiżi tiegħu fir-rigward l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti.

Illi wara li wettaq serje ta' testijiet fuq l-istess *laptop*, l-espert tekniku permezz tar-rapport tiegħu datat 19 ta' Jannar 2021, huwa kkonkluda li 'għajr għal *CRUCIAL MX300 525GB Solid State Drive (SSD)* bin-numru tas-serje 164014297D31, is-*stress test* ma rraportax l-ebda problema u/jew difett fil-*hardware* tal-*laptop*.' Huwa jkompli jżid li kien kawża ta' dawn il-*BAD BLOCKS* li qed jiżdiedu gradwalment mal-użu tal-*laptop* li qed jaffettwaw il-prestazzjoni u l-funzjonalita' ta' elementi oħra tal-istess *laptop*.

Għalhekk, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tar-rikorrenti.

Bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' intimata.

Martha Mifsud LL.D.

Arbitru